MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Numru 811/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**V**

**GODFREY GAMBIN**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GODFREY GAMBIN** ta' tletin sena bin Godfrey u Emanuela nee Borg, imwieled H'Attard nhar l-ghaxra ta' April 1976 u joqghod 'Sacred Family House', Triq Borg, Fleur de Lys, B'Kara, detentur ta' karta tal-identita numru 243176M gie mressaq quddiemha akkuzat f'dawn il-Gzejjer, nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2004, u matul x-xhur ta' qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta’ servizz tal-cable television, ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin kif wkoll bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda mhux l-elf lira maltin haddannu tad-dirigenti tas-socjeta Melita Cable plc.;

2. talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra minn xi haga ta’ haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema hsara saret ghad-dannu tas-socjeta Melita Cable plc., u tammonta ghal aktar minn mitt lira maltin izda mhux aktar minn elf lira maltin;

3. talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, qatta’, kisser, waqqa’, iddistruga, ghamel hsara, nehha, baghbas jew ikkonnettja ma xi parti ta’ apparata, duct, arblu, cabinet fil-cable jew oggett jew haga li jkunu jaghmlu sehem minn jew li jintuzaw jew iservu fin-network tal-cable television;

4. talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, bena, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih setgha jikkonnettja kontra l-ligi ma sistema ta’ telekommunikazzjoni;

5. talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel minghajr l-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ dawn d-disinji jew mudelli ffalsifikati jew mibdula,wkoll jekk minn haddiehor, minghajr l-kunsens tas-sid;

6. talli fuq talba tac-Chairman tal-Awtorita ta’ Malta dwar l-Kommunikazzjoni, f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, bena, sewwa, zamm f’kundizzjoni tajba, biddel jew ikkontrolla xi apparata jew istallazzjoni minghajr ma kellu l-kwalifiki mehtiega ghal dan l-iskop bl-Att li jirregola l-Kommunikazzjonijiet Elettronici jew tahtu;

7. talli fuq talba tac-Chairman tal-Awtorita ta’ Malta dwar l-Kommunikazzjoni, f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, biegh jew offra ghal bejgh jew ipprovda jew istalla jew uza xi stallazzjoni jew apparat li ma jikkonformax ma tali standard jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti fl-Att biex jirregola Kommunikazzjonjiet Elettronici jew tahtu, jew li kien jaf jew kellu tassew ragonevolment ghaliex jahseb li kienu difettuzi jew imkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu nbieghu, gew ipprovduti, stallati jew uzati;

8. talli fuq talba tac-Chairman tal-Awtorita ta’ Malta dwar l-Kommunikazzjoni, f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, ipprovda xi servizz ta’ Kommunikazzjonijiet Elettronici jew stallati jew haddem xi network jew apparat ta’ Kommunikazzjonijiet Elettronici bi ksur ta’ xi disposizzjoni tal-Att li jirregola Kommunikazzjonijiet Elettronici jew tahtu jew bi ksur ta’ xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti bl-Att li jirregola Kommunikazzjoijiet Elettronici jew tahtu;

9. talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, uza xi network jew apparat ta’ Kommunikazzjonjijiet Elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghal uzu kif imissi tan-network jew apparat ta’ Kommunikazzjonijiet Elettronici jew inkella wzah b’mod mhux kif imiss.

Rat l-atti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat datat tmienja w ghoxrin ta’ Ottubru 2004 esibita bhala dokument CSH 2, l-Letter to Prosecute tal-Malta Communications Authority esibita bhala dokument CSH 3, l-Letter to Prosecute tal-Melita Cable esibita bhala dokument CSH 4 mahrug ai termini tal-artikolu 35(1) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif wkoll il-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha ta’ Settembru 2006 esibit bhala dokument CSH 5, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta ta' Settembru 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe meta gew mahlufa l-akkuzi fil-konfront tieghu u b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li li hemm registrat fuqha erbgha reati li jirrisalu sa mis-sena 1996 dwar pussess ta' droga, ingurja u theddid fuq ufficjal pubbliku u ricettazzjoni meta nghata sentenzi sospizi w *unconditional discharge*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz sa mill-mument tar-rilaxx tal-istqarrija tieghu;

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 261(b)(c)(f), 263, 270, 278, 279, 280, 293, 326(1)(g), 298A u 298(1)(b) tal-Kap 9 u l-artikolu 35(1)(a)(b)(c)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat GODFREY GAMBIN hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq**

**ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghall-hlas tal-multa massima permessa mill-ligi u cioe dik ta' hames mitt [500] lira maltin li ghandha tithallas fi zmien tlett [3] xhur mill-lum u fin-nuqqas tigi awtomatikament konvertita fi prigunerija.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------